# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar il-Hamis ghaxra (10) taʼ Mejju 2018**

**Rikors Numru 342/15 FDP**

**Rikors a tenur tal-Art 466 tal-Kap 12**

**Fl-ismijiet**

**Angelo Zahra**
**(ID 751849M)**

**vs**

**Reuben Bonnici (ID 448471M) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Automated Revenue Management Services f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u, permez ta' digriet datat 13 ta' Frar 2017, giet kjamata in kawza is-socjeta HSBC Bank Malta plc**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 mir-rikorrent wara l-Ittra Ufficjali mibghuta mill-intimat nomine Nru 2698/15 fl 20 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill Qorti tiddikjara illi pretensjonijiet ta' l-intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont dovut fl-Ittra ufficjali ma kienx dovut billi:

1. Il-pretensjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2151 u 2156 (f) tal-Kodici Civili
2. Il-fond indikat fl-imsemmija ittra ufficjali gie mibjugh lis-socjeta Tal-Virtu' Estates Limited wara li sar l-bejgh bl-irkant fuq talba tal-HSBC Bank Malta plc, liema bejgh gie debitament insinwat fid 29 ta' April 2003;
3. L-esponenti ghaddej minn proceduri ta' indoli kriminali u l-assi tieghu huwa frizati u ilhom hekk mill-21 ta' Lulju 2001;
4. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat.

Rat ir-risposta ta' Reuben Bonnici nomine ippresentat fil 11 ta' Dicembru 2015 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qal is-segwenti:

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt fid-dritt u fil-meritu u ghandhom ikunu respinti bl-ispejjez kontra Angelo Zahra u dan stante li l-ebda ammont ma hu preskritt u l-ammont kontenut fl-ittra ufficjali ghadu dovut u l-istess Angelo Zahra ghadu jidher il-persuna li fuqu sar il-konsum relatat mal-pretensjoni ta' l-esponenti.*

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** moghtija fit-13 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebiti li juri illi l-kont meritu tal-Ittra Ufficjali inghalaq mill-intimat nomine fil 11 ta' Gunju 2003. (fol 23-25)

Rat illi fit 13 ta' Frar 2017 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawza tas-socjeta HSBC Bank Malta plc.

Rat ir-risposta tas-socjeta HSBC Bank Malta plc ippresentata fis 27 ta' April 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Angelo Zahra** moghtija fit 23 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fit 30 ta' Ottubru 2017, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tas-subasta Nru 17/2000 u subasta Nru 76/2002, liema atti gew debitament allegati fit 23 ta' Novembru 2017.

Rat il-Freezing Order datata 27 ta' Lulju 2001 esebit mir-rikorrent fit 30 ta' Ottubru 2017.

Rat il-kuntratt pubbliku tal-bejgh bejn l-HSBC Malta plc u Tal-Virtu Estates Ltd datat 29 ta' April 2003 u esebit mir-rikorrenti fl-24 ta' Novembru 2017.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2017 il-partijiet qabblu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali.

Semghet it-trattazzjoni finali illi saret fis 16 ta' April 2018, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent nieda l-proceduri odjerni wara illi l-intimat, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited li, minn naha taghha kienet qed tagixxi ghan-nom u in rappresentanza ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kien baghat Ittra Ufficjali lir-rikorrent fl-20 ta' Ottubru 2015, Ittra Ufficjali Nru 2698/15 (fol 3) fejn, a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 kien interpella lir-rikorrent biex jhallas is-somma ta' elf disa mija u sitta u tmenin euro u hames centezmi (€1,986.05) ghall-kontijiet tas-servizzi fil-fond Olympic Press, Triq Antonio Azzopardi, Lija.

Jirrizulta, skond ix-xhieda moghtija mill-intimat nomine, illi l-kont meritu tal-Ittra Ufficjali, kien inghalaq mill-intimat nomine fil-11 ta' Gunju 2003 u l-pendenzi meritu tal-Ittra Ufficjali jiddataw mill-11 ta' Gunju 2003 lura.

Ma jirrizultax illi l-intimat nomine, minn dakinhar illi nghalaq il-kont sa meta eventwalment baghtu l-Ittra Ufficjali fuq imsemmija, ghamlet xi interpellazzjoni gudizzjarja lir-rikorrent kif ukoll ma jirrizultax illi kien hemm xi ammissjoni tal-ammont mir-rikorrent.

Jirrizulta, minghajr ebda dubju, illi l-periodu ta' hames snin stabbilit mill-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 skada u ghalhekk l-azzjoni ta' l-intimat nomine taqa bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

Ghaldaqstant, jirrizulta illi t-talba rikorrenti hija wahda fondata illi jisthoqq li tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** it-talba attrici, u ghalhekk tiddikjara l-pretensjonijet maghmulha mill-intimat Reuben Bonnici nomine permezz ta' Ittra Ufficjali 2698/15 datat 20 ta' Ottubru 2015 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimat nomine.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur